

# F'għeluq il-50 Anniversarju (1964 - 2014)

## Konnesjonijiet mas-Soċjetà Filarmonika Santa Venera

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Mejju 2014, kienet data storika għas-Soċjetà Filarmonika Santa Venera, għax dakinhar din is-Soċjetà organizzat Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera bħala ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq il-50 Anniversarju tal-istess Soċjetà.

F'din l-okkażżjoni kien ukoll fatt storiku kemm għal din is-Soċjetà kif ukoll għall-bandist tal-Banda San Pietru fil-Ktajjen, Saviour Fenech (flawtist), għaliex huwa kien l-uniku muziċist (dakinhar kien idoqq il-Klarinett in Mib-Kwartin) li daqq kemm f'din l-Akkademja kif ukoll fl-ewwel Kunċert li bih kienet inawgurata l-Banda Santa Venera nhar is-Sibt, 25 ta' Lulju 1964.

Fir-ritratt ta' hawn taħt tidher il-Banda Santa Venera fl-ewwel Kunċert tagħha taħt id-direzzjoni tal-ewwel surmast tagħha Mro Carlo Zammit, li dak iż-żmien kien ukoll l-ewwel surmast tal-Banda San Pietru. Saviour Fenech jidher it-tieni persuna mit-tieni ringiela tal-lemin, qiegħed maġenb Carmelo Galea (bil-kwartin) fix-xifer. Carmelo Galea huwa t-tifel tal-ex-surmast, kaxxier u president tal-Għaqda Muzikali San Pietru fil-Ktajjen, is-sur Emmanuele Galea, li jidher ukoll qiegħed idoqq il-klarinett fix-xifer tal-ewwel ringiela fuq ix-xellug tas-surmast Zammit. Carmelo Galea wara kompla l-istudji tiegħu u laħaq bħala t-tielet surmast tal-Banda San Pietru mill-1971 sal-1981. Meta kmieni din is-sena kont urejt dan ir-ritratt, Mro Galea qalli li anke hu twieled Sta Venera – 'ġewwe Cini Institute, li dak iż-żmien kien sptar tal-maternità . Is-surmast Carmelo Galea għadu jżomm ruħu aġġornat fuq il-mixja tal-Banda San Pietru minn ġewwa l-Awstralja, fejn kien emigra iktar minn tletin sena.

Nawguraw 'AD MULTOS ANNOS' kemm lis-Soċjetà Filarmonika Santa Venera kif ukoll lil bandist Saviour Fenech u Mro Carmelo Galea.



L-Ewwel Programm Mużikali tal-Banda Santa Venera - Festa 1964



*Savoiour Fenech mal-Kumitat preżenti tas-Soċjetà Filarmonika Santa Venera*